

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT (UE) Nru 1379/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
tal-11 ta' Diċembru 2013

dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000

(ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1385/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013	L 354	86	28.12.2013
► M2	Regolament (UE) 2015/812 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015	L 133	1	29.5.2015



REGOLAMENT (UE) Nru 1379/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2013

dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. B'dan hija stabbilita organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (OKS).
2. L-OKS għandha tikkonsisti mill-istrumenti li ġejjin:
 - (a) organizzazzjonijiet professjonali;
 - (b) standards ta' kummerċjalizzazzjoni;
 - (c) informazzjoni għall-konsumatur;
 - (d) regoli dwar il-kompetizzjoni;
 - (e) intelligence dwar is-suq.
3. L-OKS għandha tkun supplimentata, fir-rigward tal-aspetti esterni, mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1220/2012 ⁽¹⁾ u mir-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
4. L-implimentazzjoni tal-OKS għandha tkun eliġibbli li tirċievi appoġġ finanzjarju tal-Unjoni b'konformità ma' att legali futur tal-Unjoni li jstabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perjodu 2014 - 2020.

Artikolu 2

Ambitu

L-OKS għandhom japplikaw għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, li huma kkummerċjalizzati fl-Unjoni.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1220/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri relatati mal-kummerċ sabiex tkun garantita l-provvista ta' ċerti prodotti tas-sajd lill-proċessuri tal-Unjoni mill-2013 sal-2015, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 104/2000 u (UE) Nru 1344/2011 (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 4).

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 34).



Artikolu 3

Għanijiet

L-għanijiet tal-OKS huma dawk stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

Artikolu 4

Prinċipji

L-organizzazzjoni komuni tas-swieq għandha tipproċedi fuq il-prinċipji ta' governanza tajba stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 5

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1380/2013 kif ukoll dawk imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ⁽²⁾, fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 ⁽⁴⁾, u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾. Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'prodotti tas-sajd' tfisser organiżmi akwatiċi li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tas-sajd jew prodotti li ġejjin minnhom, kif elenkati fl-Anness I;

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 354), li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (Ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁽³⁾ Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

⁽⁴⁾ Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 ta' 28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

⁽⁵⁾ Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi ta' l-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

▼B

- (b) 'prodotti tal-akkwakultura' tfisser organiżmi akwatiċi, fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tal-akkwakultura jew prodotti li ġejjin minnhom, kif elenkati fl-Anness I;
- (c) 'produttur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża mezzi ta' produzzjoni biex tipproduċi prodotti ta' sajd jew akkwakultura bl-intenzjoni li tqiegħdhom fis-suq;
- (d) 'settur tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser dak is-settur tal-ekonomija li jinkludi l-attivitàjiet kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;
- (e) 'isir disponibbli fis-suq' tfisser kwalunkwe provvista ta' prodott tas-sajd jew tal-akkwakultura għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni tul attività kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll jekk tkun mingħajr ħlas;
- (f) 'tqegħid fis-suq' tfisser l-ewwel darba li prodott tas-sajd jew tal-akkwakultura jsir disponibbli fis-suq tal-Unjoni;
- (g) 'bejgħ bl-imnut' tfisser it-trattament u/jew l-ipproċessar ta' ikel u l-ħażna tiegħu fil-punt tal-bejgħ jew twassil lill-konsumatur finali, inklużi stazzjonijiet ta' distribuzzjoni, operazzjonijiet ta' catering, canteens ta' fabriki, catering istituzzjonali, ristoranti u operazzjonijiet simili ta' servizzi tal-ikel, ħwienet, ċentri ta' tqassim ta' super-markets u ħwienet li jbiegħu bl-ingrossa;
- (h) 'prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ppakkjat bil-lest' tfisser prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li jkunu 'ikel ippakkjat bil-lest' imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1169/2011.

KAPITOLU II

ORGANIZZAZZJONIJIET PROFESSJONALI*TAQSIMA I**Stabiliment, għanijiet u miżuri**Artikolu 6***Stabiliment ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd u organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-akkwakultura**

1. L-organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd u l-organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-akkwakultura ("organizzazzjonijiet tal-produtturi") jistgħu jiġu stabbiliti fuq l-inizjattiva tal-produtturi ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura, fi Stat Membru wieħed jew aktar u li huma rikonnoxxuti skont it-Taqsima II.

2. Fejn rilevanti, għandu jittieħed kont tas-sitwazzjoni speċifika ta' produtturi fuq skala żgħira meta jiġu stabbiliti organizzazzjonijiet ta' produtturi,

▼B

3. Organizzazzjoni ta' produtturi li tkun rappreżentattiva kemm ta' attivitajiet tas-sajd kif ukoll tas-settur tal-akkwakultura tista' tiġi stabbilita bħala organizzazzjoni konġunta tal-produtturi tas-sajd u tal-akkwakultura.

*Artikolu 7***L-għanijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi**

1. L-organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd għandhom jaħdmu għall-għanijiet li ġejjin:

- (a) jippromwovu attivitajiet vijabbli u sostenibbli tas-sajd tal-membri tagħhom, b'konformità sħiħa mal-politika ta' konservazzjoni kif stipulata, b'mod partikolari, fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u fil-liġi dwar l-ambjent, filwaqt li jirrispettaw il-politika soċjali u, fejn l-Istat Membru kkonċernat jipprovdi f'dan is-sens, jipparteċipaw fil-ġestjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;
- (b) jevitaw u jnaqqsu kemm jista' jkun qabdiet inċidentali ta' stokkijiet kummerċjali u fejn meħtieġ, jagħmlu l-aħjar użu minn qabdiet bħal dawn, mingħajr ma jinħoloq suq għal dawk li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza tal-konservazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- (c) jikkontribwixxu għat-traċċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u jtejbu l-aċċess għal informazzjoni ċara u komprensiva għall-konsumaturi;
- (d) jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni ta' sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat.

2. L-organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd għandhom jaħdmu għall-għanijiet li ġejjin:

- (a) jippromwovu attivitajiet sostenibbli tal-akkwakultura tal-membri tagħhom billi jipprovdu opportunitajiet għall-iżvilupp tagħhom b'konformità sħiħa ma', b'mod partikolari, ir-Regolament Nru 1380/2013 u mal-liġi tal-ambjent, filwaqt li jirrispettaw il-politika soċjali;
- (b) jaċċertaw li l-attivitajiet tal-membri tagħhom huma konsistenti mal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (c) jaħdmu biex jiżguraw li prodotti tal-ikel mill-akkwakultura li joriġinaw mis-sajd jiġu minn sajd li jkun ġestit b'mod sostenibbli.

3. L-organizzazzjonijiet ta' produtturi għandhom jaħdmu, addizzjonalment għall-għanijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, għal tnejn jew aktar mill-għanijiet li ġejjin:

- (a) itejbu l-kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tal-membri tagħhom;
- (b) itejbu l-qligħ ekonomiku;
- (c) jistabbilizzaw is-swieq;

▼B

- (d) jikkontribwixxu għall-provvista tal-ikel u jippromwovu standards għoljin tal-kwalità u tas-sikurezza alimentari, filwaqt li jikkontribwixxu għall-impjieġ f'żoni kostali u rurali.
 - (e) inaqqsu l-impatt ambjentali tas-sajd, inkluż permezz ta' miżuri li jtejbu s-selettività ta' tagħmir tas-sajd.
4. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jaħdmu sabiex jiksibu għanijiet komplementari oħrajn.

*Artikolu 8***Miżuri li jistgħu jittieħdu minn organizzazzjonijiet ta' produtturi**

1. Sabiex jiksibu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 7, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu, inter alia, jużaw il-miżuri li ġejjin:

- (a) jaġġustaw il-produzzjoni għall-bżonnijiet tas-suq;
- (b) jidderieġu l-provvista u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-membri tagħhom;
- (c) jippromwovu l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni tal-membri tagħhom b'mod mhux diskriminatorju bl-użu, pereżempju, ta' ċertifikazzjoni, u partikolarment denominazzjonijiet tal-orijġini, siġilli ta' kwalità, indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti, u merti ta' sostenibbiltà;
- (d) jikkontrollaw u jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-attivitajiet tal-membri tagħhom ikun konformi mar-regoli stabbiliti mill-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernati;
- (e) jippromwovu taħriġ vokazzjonali u programmi ta' kooperazzjoni biex iħeġġu liż-żgħażaġh jidħlu fis-settur;
- (f) inaqqsu l-impatt ambjentali tas-sajd, inkluż permezz ta' miżuri li jtejbu s-selettività ta' tagħmir tas-sajd;
- (g) jippromwovu l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni biex itejbu l-kummerċjalizzazzjoni u l-prezzijiet;
- (h) jiffaċilitaw l-aċċess tal-konsumatur għall-informazzjoni dwar il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

2. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi tas-sajd jistgħu jagħmlu użu wkoll mill-miżuri li ġejjin:

- (a) jiġu ppjanati u ġestiti kollettivament l-attivitajiet tas-sajd tal-membri tagħhom, soġġett għall-organizzazzjoni, mill-Istati Membri tal-ġestjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, inklużi żvilupp u implimentazzjoni ta' miżuri biex tittejjeb is-selettività tal-attivitajiet tas-sajd u tingħata konsulenza lill-awtoritajiet kompetenti;
- (b) jiġu evitati u mminimizzati l-qabdiet inċidentali permezz tal-involvement fl-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi, u jsir l-aħjar użu minn qabdiet inċidentali ta' stokkijiet kummerċjali mingħajr ma jinħoloq suq għal dawg il-qabdiet li jkunu iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza tal-konservazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 15(11) tar-Regolament Nru 1380/2013 u l-Artikolu 34(2) ta' dan ir-Regolament, skont il-każ;
- (c) jiġi ġestit il-ħżin temporanju ta' prodotti tas-sajd skont l-Artikoli 30 u 31 ta' dan ir-Regolament.

▼B

3. L-organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-akkwakultura jistgħu wkoll jagħmlu użu mill-miżuri li ġejjin:
- (a) jippromwovu attivitajiet akkwakulturali sostenibbli, notevolment f'termini ta' ħarsien ambjentali, saħħa u trattament xieraq tal-annimali;
 - (b) jiġbru informazzjoni dwar il-prodotti kkumerċjalizzati, inkluża informazzjoni ekonomika dwar l-ewwel bejgħ, u dwar it-tbassir tal-produzzjoni;
 - (c) jiġbru informazzjoni ambjentali;
 - (d) jippjanaw il-ġestjoni tal-attivitajiet tal-akkwakultura tal-membri tagħhom;
 - (e) jappoġġaw programmi għal professjonisti biex jippromwovu prodotti ta' akkwakultura sostenibbli.

*Artikolu 9***Stabiliment ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi**

1. Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tista' tiġi stabbilita fuq l-inizjattiva ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti fi Stat Membru wieħed jew aktar.
2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament applikabbi għal organizzazzjonijiet ta' produtturi għandhom japplikaw ukoll għal assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi ħlief jekk stipulat mod ieħor.

*Artikolu 10***Għanijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi**

1. L-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi għandhom jaħdmu għall-għanijiet li ġejjin:
 - (a) it-twettiq b'mod iktar effiċjenti u sostenibbli, kwalunkwe wieħed jew aktar mill-għanijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi membri stipulati fl-Artikolu 7;
 - (b) jikkoordinaw u jiżviluppaw attivitajiet ta' interess komuni għall-organizzazzjonijiet ta' produtturi membri.
2. L-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju b'konformità ma' att legali futur tal-Unjoni li jstabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perjodu 2014 - 2020.

*Artikolu 11***Stabiliment ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali**

Jistgħu jiġu stabbiliti organizzazzjonijiet interprofessjonali fuq l-inizjattiva ta' operaturi ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fi Stat Membru wieħed jew aktar u li tkun rikonoxxuta skont it-Taqsima II.



Artikolu 12

Għanijiet ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali

L-organizzazzjonijiet interprofessjonali għandhom itejbu l-koordinazzjoni, u l-kondizzjonijiet, biex jagħmlu l-prodotti ta' sajd u akkwakultura disponibbli fis-suq tal-Unjoni.

Artikolu 13

Miżuri li jittieħdu minn organizzazzjonijiet interprofessjonali

Sabiex jinkisbu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 12, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jistgħu jużaw il-miżuri li ġejjin:

- (a) it-tfassil ta' kuntratti standard li huma kompatibbli mal-leġislazzjoni tal-Unjoni;
- (b) il-promozzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni b'mod mhux diskriminatorju permezz, pereżempju, tal-użu ta' ċertifikazzjoni, u partikularment denominazzjonijiet tal-orġini, siġilli ta' kwalità, indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti, u mertu ta' sostenibbiltà;
- (c) il-provvediment ta' regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li huma iktar stretti minn dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni;
- (d) it-titjib fil-kwalità, konossenza u trasparenza tal-produzzjoni u tas-suq, kif ukoll it-twettiq ta' attivitajiet ta' taħriġ professjonali u vokazzjonali, pereżempju dwar kwistjonijiet ta' kwalità u traċċabbiltà, dwar is-sikurezza alimentari u biex jiġu mħeġġa inizjattivi ta' riċerka.
- (e) it-twettiq ta' riċerka u studji tas-suq, u l-iżvilupp ta' tekniki li jwasslu għall-aqwa livell tal-operat tas-suq, inkluż permezz tal-użu tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni, kif ukoll il-ġbir ta' data soċjo-ekonomika;
- (f) l-għoti ta' informazzjoni u t-twettiq ta' riċerka meħtieġa biex twassal għal provvisti sostenibbli bi kwantità, kwalità u prezz korrispondenti għall-ħtiġijiet tas-suq u l-aspettattivi tal-konsumatur;
- (g) il-promozzjoni, fost il-konsumaturi, ta' speċijiet miksuba mill-istokkijiet tal-ħut li jkunu fi stat sostenibbli, li jkollhom valur nutrittiv apprezzabbli u li ma jkunux ikkunsmati fuq firxa wiesgħa;
- (h) il-kontroll u t-teħid ta' miżuri biex l-attivitajiet tal-membri tagħhom ikunu konformi mar-regoli stabbiliti mill-organizzazzjoni interprofessjonali kkonċernati.

TAQSIMA II

Rikonossiment

Artikolu 14

Rikonossiment tal-organizzazzjonijiet ta' produttori

1. L-Istati Membri jistgħu jirrikonossu bħala organizzazzjonijiet ta' produttori l-gruppi kollha stabbiliti fuq l-inizjattiva ta' produttori tas-sajd jew tal-akkwakultura li japplikaw għal tali rikonossiment, sakemm:

▼B

- (a) ikunu konformi mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 17 u mar-regoli adottati għall-applikazzjoni tagħhom;
- (b) ikunu ekonomikament attivi b'mod suffiċjenti fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew parti minnu, partikolarment fir-rigward tal-għadd ta' membri jew tal-volum ta' produzzjoni kummerċjabbli;
- (c) ikollhom personalità ġuridika taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, ikunu stabbiliti hemmhekk u jkollhom il-kwartieri ġenerali uffċjali tagħhom fit-territorju tiegħu;
- (d) ikunu kapaċi jsegwu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 7;
- (e) jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni msemmijin fil-Kapitolu V;
- (f) ma jabbużawx pożizzjoni dominanti f'suq partikolari; u
- (g) jipprovdu dettalji rilevanti tas-sħubija, governanza u sorsi ta' finanzjament tagħhom.

2. L-organizzazzjonijiet ta' produttori rikonoxxuti qabel 29 ta' Diċembru 2013, għandhom jiġu meqjusa bħala organizzazzjonijiet ta' produttori rikonoxxuti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, mingħajr ħsara għall-obbligu tagħhom li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 15***Appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi**

Miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura maħsuba għall-ħolqien jew ir-ristrutturar ta' organizzazzjonijiet ta' produttori jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produttori jistgħu jkunu appoġġati finanzjarjament b'konformità ma' att legali futur tal-Unjoni li jstabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perjodu 2014 - 2020.

*Artikolu 16***Rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali**

1. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu bħala organizzazzjonijiet interprofessjonali gruppi ta' operaturi stabbiliti fit-territorju tagħhom li japplikaw għal tali rikonoxximent sakemm huma:

- (a) jkunu konformi mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 17 u mar-regoli adottati għall-applikazzjoni tagħhom;
- (c) jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-attività ta' produzzjoni u ta' attivitajiet ta' pproċessar jew ta' kummerċjalizzazzjoni, jew it-tnejn li huma, fir-rigward ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura jew prodotti pproċessati minn prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;
- (c) ma jkunux huma stess impenjati f'attivitajiet ta' produzzjoni, ipproċessar jew kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura jew ta' prodotti pproċessati minn prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;
- (d) ikollhom personalità ġuridika skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membri, ikunu stabbiliti hemmhekk u jkollhom il-kwartieri ġenerali uffċjali tagħhom fit-territorju tiegħu;
- (e) jistgħu jaħdmu għall-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 12;

▼B

- (f) jikkunsidraw l-interess tal-konsumaturi;
- (g) ma jfixxklux il-funzjonament tajjeb tal-OKS; u
- (h) jikkonformaw mar-regoli ta' kompetizzjoni msemmija fil-Kapitolu V.

2. Organizzazzjonijiet stabbiliti qabel 29 ta' Diċembru 2013 għandhom jiġu rikonossuti bħala organizzazzjonijiet interprofessjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun sodisfatt li dawn huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali.

3. L-organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonossuti 29 ta' Diċembru 2013 qabel għandhom jiġu meqjusa bħala organizzazzjonijiet interprofessjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u li jkunu marbuta bid-dispożizzjonijiet tiegħu.

*Artikolu 17***Il-funzjonament intern ta' organizzazzjonijiet ta' produttori u organizzazzjonijiet interprofessjonali**

Il-funzjonament intern ta' organizzazzjonijiet ta' produttori u organizzazzjonijiet interprofessjonali msemmija fl-Artikoli 14 u 16 għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:

- (a) konformità mill-membri tagħha mar-regoli adottati mill-organizzazzjoni f'termini ta' sfruttament, produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni tas-sajd;
- (b) non-diskriminazzjoni fost il-membri, partikolarment fuq bażi ta' nazzjonalità jew il-post ta' stabbiliment;
- (c) l-intaxxar ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-membri tagħha sabiex jiffinanzjaw l-organizzazzjoni;
- (d) funzjonament demokratiku li jippermetti lill-membri li jiskrutinizzaw l-organizzazzjoni tagħhom u d-deċiżjonijiet tagħha;
- (e) l-impożizzjoni ta' penalitajiet effettivi, dissważivi u proporzjonali għall-ksur ta' obbligi stipulati fir-regoli interni tal-organizzazzjoni kkonċernata, partikolarment fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji;
- (f) id-definizzjoni ta' regoli dwar l-ammissjoni ta' membri ġodda u dwar l-irtirar minn membri;
- (g) id-definizzjoni tar-regoli ta' kontabbiltà u baġitarji meħtieġa għat-tmexxija tal-organizzazzjoni.

*Artikolu 18***Verifiki u rtirar tar-rikonossimenti mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu verifiki f'intervalli regolari biex jivverifikaw li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jikkonformaw mal-kondizzjonijiet għar-rikonossiment stipulati fl-Artikoli 14 u 16 rispettivament. Il-konstatazzjoni ta' nonkonformità tista' tirriżulta fl-irtirar ta' rikonossiment.

▼B

2. L-Istat Membru li jospita l-kwartieri ġenerali uffiċjali ta' organizzazzjoni ta' produttori jew organizzazzjoni interprofessjonali li jkollu membri minn Stat Membri differenti, jew ta' assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produttori rikonoxxuta fi Stati Membri differenti, għandu jistabbilixxi l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa biex jitwettqu l-verifiki fuq l-attivitajiet tal-organizzazzjoni jew tal-assoċjazzjoni kkonċernata f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati.

*Artikolu 19***Allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd**

Meta twettaq il-kompiti tagħha, organizzazzjoni tal-produtturi li l-membri tagħha jkunu ċittadini ta' Stati Membri differenti jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produttori rikonoxxuta fi Stati Membri differenti għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1380/2013.

*Artikolu 20***Verifiki mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel verifiki u għandha, meta jkun xieraq, titlob li l-Istati Membri jirtiraw ir-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' produttori jew organizzazzjonijiet minn diversi oqsma, sabiex tiżgura konformità mal-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' produttori jew organizzazzjonijiet interprofessjonali stipulati fl-Artikoli 14 u 16.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi kwalunkwe deċiżjoni biex jingħata jew jiġi rtirat ir-rikonoxximent. Il-Kummissjoni għandha tagħmel tali informazzjoni disponibbli kollha għall-pubbliku.

*Artikolu 21***Atti ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar:
 - (a) l-iskadenzi ta' żmien u l-proċeduri u l-għamla ta' applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' produttori u ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali skont l-Artikoli 14 u 16 rispettivament jew għall-irtirar ta' tali rikonoxximent skont l-Artikolu 18;
 - (b) il-format, l-iskadenzi taż-żmien u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri għall-komunikazzjoni lill-Kummissjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni biex jingħata jew jiġi rtirat ir-rikonoxximent skont l-Artikolu 20(2).

L-atti ta' implimentazzjoni adottati taħt il-punt (a) għandhom, fejn ikun il-każ, jiġu adattati għall-karatteristiċi speċjali tas-sajd u tal-akwakultura li jkunu fuq skala żgħira.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43(2).



TAQSIMA III

Estensjoni tar-regoli

Artikolu 22

Estensjoni tar-regoli ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi

1. Stat Membru jista' jagħmel vinkolanti r-regoli miftiehma f'organizzazzjoni tal-produtturi għal produtturi li mhumiex membri tal-organizzazzjoni u li jbiegħu kwalunkwe prodott fiż-żona li fiha l-organizzazzjoni tal-produtturi hija rrapreżentata, sakemm:

- (a) l-organizzazzjoni ta' produtturi tkun ilha stabbilita għal perijodu ta' mhux anqas minn sena u hija kkunsidrata li tirrapreżenta l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, inklużi, fejn rilevanti, is-setturi ta' skala żgħira u artiġjanali, fi Stat Membru wieħed u tressaq applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;
- (b) ir-regoli li jiġu estiżi jikkonċernaw kwalunkwe miżura għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi stabbilita fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 8(1), fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 8(2) u fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 8(3);
- (c) ikun hemm konformità mar-regoli dwar il-kompetizzjoni msemmija fil-Kapitolu V.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, organizzazzjoni tal-produtturi tas-sajd titqies bħala rappreżentattiva meta tkun responsabbli għal mill-anqas 55 % tal-kwantitajiet ikkummerċjalizzati tal-prodott rilevanti matul is-sena ta' qabel fiż-żona li fiha jkun propost li jiġu estiżi r-regoli.

3. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1 organizzazzjoni tal-produtturi tal-akkwakultura titqies bħala rappreżentattiva meta tkun responsabbli għal mill-anqas 40 % tal-kwantitajiet ikkummerċjalizzati tal-prodott rilevanti matul is-sena ta' qabel fiż-żona li fiha jkun propost li jiġu estiżi r-regoli.

4. Ir-regoli li se jiġu estiżi għal dawk li mhumiex membri għandhom japplikaw għal perjodu ta' bejn 60 jum u tnax-il xahar.

Artikolu 23

Estensjoni tar-regoli ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali

1. Stat Membru jista' jeżiġi li xi wħud mill-ftehimiet, deċiżjonijiet jew prassi ġenerali miftiehma fi ħdan organizzazzjoni interprofessjonali tkun vinkolanti fiż-żona jew żoni speċifiċi għal operaturi oħra li mhumiex affiljati mal-organizzazzjoni, sakemm:

- (a) l-organizzazzjoni interprofessjonali tkopri mill-anqas 65 % ta' kull waħda minn għall-anqas tnejn mill-attivitajiet li ġejjin: produzzjoni, ipproċessar jew kummerċjalizzazzjoni tal-prodott rilevanti matul is-sena ta' qabel fiż-żona jew iż-żoni kkonċernati ta' Stat Membru, u tressaq applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali; u

▼B

- (b) ir-regoli li jiġu estiżi għal operaturi oħra jikkonċernaw kwalunkwe miżura għall-organizzazzjonijiet interprofessjonali stipulata fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 13 u ma jikkawżaw l-ebda dannu lil operaturi oħra fl-Istat Membru kkonċernat jew fl-Unjoni.
2. L-estensjoni tar-regoli tista' ssir vinkolanti għal mhux iktar minn tliet snin, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(4).

*Artikolu 24***Responsabbiltà**

Meta r-regoli jiġu estiżi għal dawk li mhumiex membri skont l-Artikoli 22 u 23, l-Istat Membru kkonċernat jista' jiddeċiedi li dawk li mhumiex membri huma responsabbli għall-organizzazzjoni tal-produtturi jew għall-organizzazzjoni minn diversi oqmsa għall-ekwivalenti tal-kosti kollha, jew ta' parti minnhom, li tħallsu minn membri bħala riżultat tal-applikazzjoni tar-regoli li ġew estiżi għal dawk li mhumiex membri.

*Artikolu 25***Awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar ir-regoli li huma beħsiebhom jagħmlu vinkolanti għall-produtturi jew l-operaturi kollha fiż-żona jew żoni speċifiċi skont l-Artikoli 22 u 23.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza l-estensjoni tar-regoli msemmija fil-paragrafu 1, sakemm:
- (a) ikun hemm konformità mad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 22 u 23;
 - (b) hemm konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni msemmija fil-Kapitolu V;
 - (c) l-estensjoni ma tipperikolax il-kummerċ ħieles; u
 - (d) m'hemmx theddida għall-kisba tal-għanijiet tal-Artikolu 39 TFUE.
3. Fi żmien xahar mir-riċezzjoni tan-notifika, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni li tawtorizza jew tirrifjuta l-awtorizzazzjoni għall-estensjoni tar-regoli u għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni fi żmien xahar mir-riċezzjoni tan-notifika, l-estensjoni tar-regoli għandha titqies li ġiet awtorizzata mill-Kummissjoni.
4. Estensjoni awtorizzata tar-regoli tista' tibqa' tapplika wara li jiskadi l-perijodu inizjali ta' żmien, inkluż bi ftehim taċitu, mingħajr tiġdid espliċitu tal-awtorizzazzjoni, dment li l-Istat Membru kkonċernat jkun innotifika lill-Kummissjoni, tal-anqas xahar qabel ma jiskadi dak il-perijodu inizjali, bil-perijodu addizzjonali tal-applikazzjoni u l-Kummissjoni tkun awtorizzata dik l-applikazzjoni addizzjonali, jew ma oġġezzjonatx għaliha fi żmien xahar minn meta tkun irċiviet in-notifika bħal din.

*Artikolu 26***Irtirar tal-awtorizzazzjoni**

Il-Kummissjoni tista' tagħmel verifiki u tista' tirtira l-awtorizzazzjoni ta' estensjoni ta' regoli fil-każ li tistabbilixxi li kwalunkwe rekwiżit għall-awtorizzazzjoni ma jitħarisx. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan l-irtirar.



Artikolu 27

Atti ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-format u l-proċedura tan-notifika prevista fl-Artikolu 25(1). Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43(2).

TAQSIMA IV

Ippjanar tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni

Artikolu 28

Pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni

1. Kull organizzazzjoni tal-produtturi għandha tippreżenta pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni, għallinqas għall-ispeċijiet kummerċjalizzati ewlenin tagħha lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tagħha għall-approvazzjoni. Dawn il-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni għandhom jimmiraw sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 7.

2. Pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni għandu jinkludi:

- (a) programm ta' produzzjoni għall-ispeċijiet maqbuda jew mrobbija;
- (b) strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni biex il-kwantità, l-kwalità u l-preżentazzjoni tal-provvista jaqblu mar-rekwiżiti tas-suq;
- (c) miżuri li għandhom jittieħdu mill-organizzazzjoni ta' produtturi sabiex tikkontribwixxi għall-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 7;
- (d) miżuri speċjali maħsuba bil-quddiem sabiex tiġi aġġustata l-provvista tal-ispeċijiet li regolarment jippreżentaw diffikultajiet għall-kummerċjalizzazzjoni matul is-sena;
- (e) pjeni applikabbli għal membri li jiksru d-deċiżjonijiet adottati biex jiġi implimentat il-pjan ikkonċernat.

3. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom japprovaw il-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni. Ladarba l-pjan jiġi approvat, l-organizzazzjoni tal-produtturi għandha immedjatament timplimentah.

4. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jirriveđu l-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni u għandhom, f'dak il-każ, jippreżentawh għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

5. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha tipprepara rapport annwali tal-attivitajiet tagħha skont il-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni, u għandha tippreżentah lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-approvazzjoni.

6. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jirċievu sostenn finanzjarju għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni b'konformità ma' att legali futur tal-Unjoni li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perjodu 2014 - 2020.

7. L-Istati Membri għandhom jaġhmlu verifiki biex jiżguraw li kull organizzazzjoni tal-produtturi twettaq l-obbligi previsti f'dan l-Artikolu. Konstatazzjoni ta' nonkonformità tista' tirriżulta fl-irtirar ta' rikonoxximent.

▼M2

8. F'konformità mal-objettiv stipulat fil-punt (b) tal- Artikolu 7(1), l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jiżguraw, fil-pjani ta' produzzjoni u ta' tqegħid fis-suq li jippreżentaw skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li l-ħatt ta' organiżmi tal-baħar taħt id-daqs ta' referenza minimu ta' konservazzjoni ma għandux iwassal għall-iżvilupp ta' attivitajiet immirati speċifikament għall-qbid ta' dawk l-organiżmi tal-baħar.

Meta jwettqu l-ispezzjonijiet mitluba mill-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jissodisfaw l-obbligu stipulat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

▼B*Artikolu 29***Atti ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar:
 - (a) il-format u l-istruttura tal-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 28;
 - (b) il-proċedura u l-iskadenzi ta' żmien għall-preżentazzjoni mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u għall-approvazzjoni mill-Istati Membri tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 28.
2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43(2).

*TAQSIMA V**Stabbilizzazzjoni tas-swieg**Artikolu 30***Mekkaniżmu ta' ħżin**

L-organizzazzjonijiet ta' produtturi f'setturi tas-sajd jistgħu jirċievu sostenn finanzjarju għall-ħżin ta' prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II, sakemm:

- (a) ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet għall-ħżin stipulati f'att legali futur tal-Unjoni li jstabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perjodu 2014 - 2020;
- (b) il-prodotti jkunu tqiegħdu fis-suq mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi f'setturi tas-sajd iżda ma nstabx bejgħ tagħhom bil-prezz skatatur imsemmi fl-Artikolu 31;
- (c) il-prodotti jissodisfaw l-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 33 u jkunu ta' kwalità adegwata għal konsum mill-bniedem;
- (d) il-prodotti jkunu stabbilizzati jew proċessati u maħżuna f'tankijiet jew gaġeġ billi jiġu ffriżati, jew abbord bastimenti jew f'faċilitajiet fuq l-art, immellħa, imnixxa, immarinati, jew, fejn rilevanti, mgħollija u pasturizzati, kemm jekk humiex imqattgħin fi fletti, imqattgħin f'biċċiet jew, fejn ikun il-każ, b'rashom maqtugħa;
- (e) il-prodotti maħżuna jitqiegħdu mill-ġdid fis-suq għall-konsum tal-bniedem fi stadju aktar tard.
- (f) il-prodotti jibqgħu maħżuna għal tal-inqas ħamest ijiem.



Artikolu 31

Prezzijiet li jiskattaw il-mekkaniżmu tal-ħżin

1. Qabel il-bidu ta' kull sena, kull organizzazzjoni tal-produtturi f'seturi tas-sajd tista' tagħmel individwalment proposta għal prezz li jiskatta l-mekkaniżmu tal-ħżin imsemmi fl-Artikolu 30 għall-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II.

2. Il-prezz skattatur ma għandux jaqbeż it-80 % tal-prezz medju peżat irreġistrat għall-prodott ikkonċernat fiż-żona tal-attività tal-organizzazzjoni tal-produtturi rilevanti matul it-tliet snin li jiġu immedjatament qabel is-sena li għaliha qed jiġi ffissat il-prezz skattatur.

3. Meta jiġi ffissat il-prezz skattatur, għandhom jitqiesu:

- (a) ix-xejriet fil-produzzjoni u d-domanda;
- (b) l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tas-suq;
- (c) il-konverġenza tas-swieq;
- (d) l-introjt tal-produtturi;
- (e) l-interessi tal-konsumaturi.

4. L-Istati Membri għandhom, meta jeżaminaw il-proposti tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti fit-territorju tagħhom, jiddeterminaw il-prezzijiet skattaturi li għandhom jiġu applikati minn dawk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Dawk il-prezzijiet għandhom jiġu ffissati abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafi 2 u 3. Il-prezzijiet għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Artikolu 32

Atti ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-format tal-pubblikazzjoni mill-Istati Membri tal-prezzijiet skattaturi skont l-Artikolu 31(4). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43(2).

KAPITOLU III

L-ISTANDARDS KOMUNI TA' KUMMERĊJALIZZAZZJONI

Artikolu 33

Stabbiliment tal-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 47, jistgħu jiġu stabbiliti standards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti tas-sajd li huma elenkati fl-Anness I, irrispettivament mill-oriġini tagħhom (jekk humiex mill-Unjoni jew importati) u li huma maħsuba għal konsum mill-bniedem.

2. Id-drittijiet msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jikkonċernaw il-kwalità, d-daqs, il-piż, l-ippakkjar, il-preżentazzjoni jew it-tikkettar tal-prodotti, u partikolarment:

▼B

- (a) id-daqsijiet minimi ta' kummerċjalizzazzjoni li jqisu l-aħjar parir xjentifiku disponibbli: dawn id-daqsijiet minimi ta' kummerċjalizzazzjoni jikkorrispondu, fejn rilevanti, għad-daqsijiet minimi ta' referenza tal-konservazzjoni, f'komformità mal-Artikolu 15(10) tar-Regolament Nru 1380/2013;
 - (b) l-ispeċifikazzjonijiet ta' prodotti ppreservati skont ir-rekwiżiti ta' konservazzjoni u l-obbligi internazzjonali.
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal:
- (a) ir-Regolament (KE) Nru 178/2002;
 - (b) ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 ⁽¹⁾;
 - (c) ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾;
 - (d) ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾;
 - (e) ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾;
 - (f) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ⁽⁵⁾; u
 - (g) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 34***Konformità mal-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni**

1. Il-prodotti maħsuba għal konsum mill-bniedem li għalihom hemm stabbiltà standards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni jistgħu jsiru disponibbli fis-suq tal-Unjoni biss skont dawk l-istandards.
2. Il-prodotti tas-sajd kollha li jinħattu l-art, inklużi dawk li ma jikkonformawx mal-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni, jistgħu jintużaw għal skopijiet differenti mill-konsum dirett mill-bniedem, inkluż bħala ikel tal-ħut, żejt tal-ħut, ikel ta' annimali domestiċi, additivi tal-ikel, farmaċewtiċi jew kosemitiċi.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-prodotti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

⁽³⁾ Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali fuq il-prodotti ta' oriġini mill-annimali intiżi għall-konsum uman (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83).

⁽⁴⁾ Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

⁽⁵⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).



KAPITOLU IV

INFORMAZZJONI GĦALL-KONSUMATUR

*Artikolu 35***Informazzjoni obligatorja**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura msemmija fil-punti (a), (b), (c), u (e) tal-Anness I ta' dan ir-Regolament li jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni, irrispettivament mill-oriġini jew il-metodu tat-tqegħid fis-suq tagħhom, jistgħu jiġu offruti għall-bejgħ lill-konsumatur finali jew il-caterer tal-massa biss jekk l-immarkar jew it-tikkettar adatt jindika:

- (a) l-indikazzjoni kummerċjali tal-ispeċi u l-isem xjentifiku tagħha;
- (b) il-metodu ta' produzzjoni, partikolarment bil-kliem li ġej "...maqbud..." jew "...maqbud f'ilma frisk ..." jew "...imrobbi...";
- (c) iż-żona fejn il-prodott inqabad jew trabba, u l-kategorija tal-irkaptu użat fiż-żoni tas-sajd fejn sar il-qbid, kif stabbilit fl-ewwel kolonna tal-Anness III għal dan ir-Regolament;
- (d) jekk il-prodott kienx iddifrostjat;
- (e) id-data minima ta' kemm iservi, fejn ikun il-każ.

Ir-rekwiżit fil-punt (d) ma għandux japplika għal:

- (a) ingredjenti li jinsabu fil-prodott finali;
- (b) ikel li l-iffriżar tiegħu huwa pass teknoloġikament neċessarju tal-proċess tal-produzzjoni;
- (c) prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li kienu ffriżati qabel għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa, skont l-Anness III, Taqsima VIII, għar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (d) prodott tas-sajd u tal-akkwakultura li ġie iddifrostjati qabel il-proċess tal-affumikazzjoni, tat-tmelliħ, tat-tisjir, tal-preparazzjoni fil-hall jew fis-salmura, tat-tnixxif jew qabel taħlita ta' kwalunkwe minn dawk il-proċessi.

2. Għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mhux ippakkjati bil-lest minn qabel, l-informazzjoni obligatorja elenkata fil-paragrafu 1 tista' tiġi pprovduta għall-bejgħ bl-immnut permezz ta' informazzjoni kummerċjali bħal "bill boards" jew posters.

3. Fejn jiġi offrut għall-bejgħ lill-konsumatur finali jew lill-caterer tal-masses prodott imħallat magħmul mill-istess speċi iżda li jkun ġej minn metodi differenti ta' produzzjoni, għandu jiġi ndikat il-metodu ta' kull lott. Fejn jiġi offrut għall-bejgħ lill-konsumatur finali jew lill-caterer tal-masses prodott imħallat magħmul mill-istess speċi iżda li jkun ġej minn varjetà ta' żoni ta' qbid jew ta' pajjiżi ta' trobbija tal-ħut, għandha tiġi dikjarata tal-anqas iż-żona tal-lott l-aktar rappreżentattiv f'termini ta' kwantità, flimkien ma' indikazzjoni li l-prodotti ġejjin ukoll minn żoni differenti ta' qbid jew ta' trobbija tal-ħut.

▼B

4. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mir-rekwiżiti msemija fil-paragrafu 1 kwantitajiet żgħar ta' prodotti li jinbiegħu direttament mill-bastimenti tas-sajd lill-konsumaturi, dment li daww ma jeċċedux il-valur imsemmi fl-Artikolu 58(8) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

5. Il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-pakketti tagħhom li ġew ittikkettati jew immarkati qabel it-13 ta' Diċembru 2014 u li ma jikkonformawx ma' dan l-Artikolu jistgħu jitqiegħdu fis-suq sakemm dawn l-istokkijiet jkunu ntużaw kollha.

▼MI

6. Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-prodotti offruti għall-bejgħ bl-imnut lill-konsumatur aħħari fil-Majjott, bħala reġjun ultraperiferiku fit-tifsira tal-Artikolu 349 TFUE.

▼B*Artikolu 36***Rappurtar tal-ekotikkettar**

Wara li tkun ikkonsultat mal-Istati Membri u l-partijiet interessati, il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Jannar 2015, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' fattibbiltà dwar opzjonijiet għal skema ta' ekotikketta għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, b'mod partikolari dwar l-istabbiliment ta' tali skema bħala skema mifruxa mal-Unjoni kollha u dwar l-iffissar ta' rekwiżiti minimi għall-użu mill-Istati Membri ta' ekotikketta tal-Unjoni.

*Artikolu 37***Indikazzjoni kummerċjali**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 35(1), l-Istati Membri għandhom ifasslu u jipubblikaw lista tal-indikazzjonijiet kummerċjali aċċettati fit-territorju tagħhom, flimkien mal-ismijiet xjentifiċi tagħom. Il-lista għandha tindika:

- (a) l-isem xjentifiku għal kull speċi, skont is-Sistema ta' Informazzjoni FishBase jew skont id-database tal-ASFIS tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u Agrikoltura (FAO), fejn rilevanti;
- (b) l-indikazzjoni kummerċjali:
 - (i) l-isem tal-ispeċi bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat;
 - (ii) fejn applikabbli, kwalunkwe isem ieħor jew ismijiet oħra li jkunu aċċettati jew permessi lokalment jew reġjonalment.

2. L-ispeċijiet kollha tal-ħut fejn il-ħut jiffirma ingredjent ta' xi ikel ieħor jistgħu jiġu indikati bħala "ħut", dment li l-isem u l-preżentazzjoni ta' dak l-ikel ma jirrifereix għal speċi speċifika

3. Kull tibdil fil-lista tad-deskrizzjonijiet kummerċjali aċċettata minn Stat Membru għandu jiġi notifikat minnufih lill-Kummissjoni li għandha tavża b'dan lill-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 38***Indikazzjoni taż-żona tal-qabda jew tal-produzzjoni**

1. L-indikazzjoni taż-żona tal-qabda jew tal-produzzjoni skont il-punt (i) tal-Artikolu 35(1) għandha tkun tikkonsisti f'dan li ġej:

▼B

- (a) fil-każ ta' prodotti tas-sajd maqbuda fil-baħar, l-isem bil-miktub tas-subżona jew diviżjoni elenkata fiż-żoni tas-sajd tal-FAO kif ukoll l-isem ta' tali żona li tiġi espressa f'termini li huma komprehensibbli għall-konsumatur, jew mappa jew grafika li turi dik iż-żona, b'deroga minn dan ir-rekwiżit, għal prodotti tas-sajd maqbuda fl-ilmijiet li mhumiex il-Grigal tal-Atlantiku (Żona tas-Sajd tal-FAO 27) u l-Mediterran u l-Baħar l-Iswed (Żona tas-Sajd tal-FAO 37) l-indikazzjoni tal-isem taż-Żona tas-Sajd tal-FAO;
 - (b) fil-każ ta' prodotti tas-sajd maqbuda fl-ilma ħelu, referenza għall-ilmijiet tal-orijini fl-Istat Membru jew il-pajjiż terz tal-orijini tal-prodott;
 - (c) fil-każ ta' prodotti tal-akkwakultura, referenza għall-Istat Membru jew il-pajjiż terz li fih il-prodott laħaq aktar minn nofs il-piż finali tiegħu jew għadda aktar minn nofs il-perijodu ta' trobbija tiegħu jew, fil-każ tal-frott tal-baħar, għadda minn stadju finali ta' trobbija jew kultivazzjoni ta' mhux inqas minn 6 xhur.
2. Barra mill-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-operaturi jistgħu jindikaw żona ta' qbid jew produzzjoni aktar preċiża.

*Artikolu 39***Informazzjoni addizzjonali volontarja**

1. Barra mill-informazzjoni obbligatorja meħtieġa skont l-Artikolu 35, l-informazzjoni li ġejja tista' tingħata fuq bażi volontarja, sakemm tkun ċara u mhux ambigwa:
- (a) id-data tal-qabda tal-prodotti tas-sajd jew id-data tal-ħsad tal-prodotti tal-akkwakultura;
 - (b) id-data tal-iżbark tal-prodotti tas-sajd jew informazzjoni dwar il-port fejn il-prodotti ġew żbarkati;
 - (c) informazzjoni aktar dettaljata dwar it-tip ta' apparat tas-sajd, kif hemm elenkat fit-tieni kolonna tal-Anness III;
 - (d) fil-każ ta' prodotti tas-sajd maqbudin fil-baħar, dettalji tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment li qabad dawk il-prodotti;
 - (e) informazzjoni ambjentali;
 - (f) informazzjoni ta' natura etika jew soċjali;
 - (g) informazzjoni dwar tekniki u prattiki ta' produzzjoni;
 - (h) informazzjoni dwar il-kontenut nutrizzjonali tal-prodott.
2. Jista' jintuża kodiċi ta' Risposta Rapida (QR, Quick Response) li jiddeskrivi fis-qosor l-informazzjoni kollha, jew parti minnha, elenkata fl-Artikolu 35(1).
3. M'għandhiex tintwera informazzjoni volontarja għad-detriment tal-ispazju disponibbli għall-informazzjoni obbligatorja fuq il-marka jew it-tikketta.
4. M'għandha tkun inkluża ebda informazzjoni volontarja li ma tistax tiġi verifikata.



KAPITOLU V

REGOLI DWAR IL-KOMPETIZZJONI

*Artikolu 40***Applikazzjoni ta' regoli ta' kompetizzjoni**

L-Artikoli 101 sa 106 TFUE u d-dispożizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħhom għandhom japplikaw għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki msemmija fl-Artikolu 101(1) u fl-Artikolu 102 TFUE li huma relatati mal-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

*Artikolu 41***Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni**

1. Minkejja l-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prassi ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi li jikkonċernaw il-produzzjoni jew il-bejgħ ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, jew l-użu ta' faċilitajiet konġunti għall-ħżin, it-trattament jew l-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u li

- (a) huma meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 39 TFUE; u
- (b) ma jimplikaw l-ebda obbligu li jintalbu prezzijiet identiċi;
- (c) ma jwasslux għal separazzjoni ta' kwalunkwe għamla ta' swieq tal-Unjoni;
- (d) ma jeskludux il-kompetizzjoni, u
- (e) ma jeliminawx il-kompetizzjoni fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti kkonċernati.

2. Minkejja l-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prassi ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali li

- (a) huma meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 39 TFUE;
- (b) ma jeżiġu l-ebda obbligu li jiġi applikat prezz fiss;
- (c) ma jwasslux għal separazzjoni ta' kwalunkwe għamla ta' swieq tal-Unjoni;
- (d) ma japplikawx kondizzjonijiet mhux simili għal xulxin għal tranżazzjonijiet ekwivalenti ma' sħab oħra tal-kummerċ, u b'hekk ipog-ghom fi żvantaġġ kompetittiv;
- (e) ma jeliminawx il-kompetizzjoni fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti kkonċernati; u
- (f) ma jxekkluw il-kompetizzjoni b'xi mod li ma jkunx essenzjali biex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS.



KAPITOLU VI
INTELLIGENCE DWAR IS-SUQ

Artikolu 42

Intelligence dwar is-Suq

1. Il-Kummissjoni għandha:
 - (a) tiġbor, tanalizza u tqassam tagħrif u għarfien ekonomiku tas-suq tal-Unjoni għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tul il-katina tal-provvista, waqt li tqis il-kuntest internazzjonali;
 - (b) tipprovdi sostenn Prattiku lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali sabiex tikkoordina aħjar l-informazzjoni bejn l-operaturi u l-proċessuri tas-suq.
 - (c) tistħarreġ il-prezzijiet regolarment għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tul il-katina tal-provvista tal-Unjoni u tagħmel analiżi tax-xejriet tas-suq;
 - (d) tagħmel studji ad hoc u tipprovdi metodoloġija għal sħarriġ dwar il-formazzjoni tal-prezzijiet.
2. Sabiex timplimenta l-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tagħmel użu minn dawn il-miżuri:
 - (a) tiffaċilita l-aċċess għal dejta disponibbli dwar prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura miġbura skont il-liġi tal-Unjoni;
 - (b) tqiegħed l-informazzjoni dwar is-swieq, bħal sħarriġ dwar il-prezzijiet, analiżi u studji tas-swieq, għad-dispożizzjoni tal-partijiet interressati kollha u għall-pubbliku ġenerali b'mod aċċessibbli u li jinftehem, soġġett għar-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
3. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu biex jinkisbu l-għani-jiet imsemmija fil-paragrafu 1.

KAPITOLU VII
DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

Artikolu 43

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (*ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1*).



KAPITOLU VIII
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 44

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1184/2006

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

"Dan ir-Regolament jistipula r-regoli li jikkonċernaw l-applikabbiltà tal-Artikoli 101 sa 106 u ċerti dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(1) u (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-produzzjoni jew tal-kummerċ tal-prodotti elenkati fl-Anness I mat-TFUE bl-eċċezzjoni tal-prodotti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (*) u r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**)

(*) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat- 22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

(**) Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1)".

Artikolu 45

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 57(1), jiżdiedu s-sentenzi li ġejjin:

“L-Istati Membri għandhom jagħmlu verifiki biex jiżguraw il-konformità. Il-verifiki jistgħu jsiru fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni u waqt it-trasport.”;

(2) l-Artikolu 58(5) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) l-informazzjoni lill-konsumaturi prevista mill-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1”).

(b) il-punt (h) huwa mħassar.

▼B*Artikolu 46***Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 huwa b'dan imħassar. Madankollu, l-Artikolu 4 għandu japplika sat- 12 ta' Diċembru 2014.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness III.

▼M2*Artikolu 47***Regoli li jstabbilixxu standards komuni tat-tqegħid fis-suq**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, ir-regoli li jstabbilixxu standards komuni tat-tqegħid fis-suq, b'mod partikolari dawk stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2136/89 ⁽¹⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1536/92 ⁽²⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 ⁽³⁾, kif ukoll regoli oħra adottati għall-applikazzjoni ta' standards komuni tat-tqegħid fis-suq, bħal dawk stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3703/85 ⁽⁴⁾, għandhom jibqgħu japplikaw.

2. Fejn id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni jkunu stabbiliti, għandhom jikkostitwixxu d-daqsijiet minimi għat-tqegħid fis-suq.

▼B*Artikolu 48***Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2022.

*Artikolu 49***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014, bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu IV u l-Artikolu 45 li għandhom japplikaw mit- 13 ta' Diċembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2136/89 tal-21 ta' Ġunju 1989 li jstipula standards komuni tat-tqegħid fis-suq għas-sardin priservat u deskrizzjonijiet tan-negozju għas-sardin priżervat u prodotti tat-tip ta' sardin (traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠU L 212, 22.7.1989, p. 79).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1536/92 tad-9 ta' Ġunju 1992 li jippreskrivi l-istuards ta' marketing komuni għat-tonn u għall-plamtu/tumbrell priservat (ĠU L 163, 17.6.1992, p. 1).

⁽³⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 tas-26 ta' Novembru 1996 li jstabbilixxi stuards komuni għall-marketing għal ċerti prodotti tal-industrija tas-sajd (ĠU L 334, 23.12.1996, p. 1).

⁽⁴⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3703/85 tat-23 ta' Diċembru 1985 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' livelli komuni fis-suq għal ċertu ħut frisk u mkessaħ (ĠU L 351, 28.12.1985, p. 63).



ANNEX I

PRODOTTI TAS-SAJD U TAL-AKKWAKULTURA KOPERTI MILL-OKS

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti
(a) 0301	Ħut ħaj
0302	Ħut, frisk jew imkessaħ, ħlief qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut ta' titlu 0304
0303	Ħut, friżat, ħlief qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut ta' titlu 0304
0304	Qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut (kapuljat jew mhuxwix), frisk, imkessaħ jew friżat
(b) 0305	Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumikat, kemm jekk imsajjar jew le qabel jew waqt il-proċess ta' affumikar; dqiġ; pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman
(c) 0306	Krustaċċi, kemm jekk fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; krustaċċi, fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma, kemm jekk imkessħin jew le, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; dqiġ, pasti u gerbub ta' krustaċċi, tajbin għal konsum uman
0307	Molluski, kemm jekk fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; invertebrati akwatiċi għajr krustaċċi u molluski, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfen, immellħin jew fis-salmura; dqiġ, pasti u gerbub ta' invertebrati akwatiċi għajr krustaċċi, tajbin għal konsum uman
(d)	Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; annimali mejtin ta' Kapitolu 1 jew 3, mhux tajbin għall-konsum uman: – Oħrajn – – Prodotti ta' ħut jew krustaċċej, molluski u invertebrati akwatiċi oħrajn; annimali mejtin ta' Kapitolu 3: 0511 91 10 – – – Skart tal-ħut 0511 91 90 – – Oħrajn
(e) 1212 20 00	– Alka tal-baħar u alki oħrajn
(f)	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament: 1504 10 – Żjut tal-fwied tal-ħut u l-frazzjonijiet tagħhom 1504 20 – Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut, ħlief żjut tal-fwied

▼B

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti
(g) 1603 00	Estratti u sugu ta' laħam, ħut jew krustaċċi, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn
(h) 1604	Ħut preparat jew preservat; kavjar jew sostituti tal-kavjar imħejjija minn bajd tal-ħut
(i) 1605	Krustaċċi, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, preparati jew preservati
(j)	Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (noodles), lasanji, njokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le
1902 20	– Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le:
1902 20 10	– – Li fih iktar minn 20 % tal-piż ħut, krustaċċi, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn
(k)	Dqiq, smida u gerbub, tal-laħam jew tal-fdalijiet tal-laħam, tal-ħut jew tal-krustaċċi, molluski jew invertebri akwatiċi oħra, li mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem:
2301 20 00	– Dqiq, pasta u gerbub, ta' ħut jew ta' krustaċċi, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn
(l)	Preparazzjonijiet ta' tip użati għall-għalf tal-annimali
2309 90	– Oħrajn:
ex 2309 90 10	– – Materjali li jinħallu ta' ħut



ANNEX II

PRODOTTI TAS-SAJD SOĠĠETTI GĦALL -MEKKANIŻMU TA' ĦŻIN

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti
0302 22 00	Barbun tat-tbajja' (Pleonectes platessa)
ex 0302 29 90	Dab (Limanda limanda)
0302 29 10	Megrim (Lepidorhombus spp.)
ex 0302 29 90	Barbun (Platichthys flesus)
0302 31 10	Alonga jew tonn tal-ġwienaħ twal (Thunnus alalunga)
kif ukoll	
0302 31 90	
ex 0302 40	Arringa tal-ispeċi Clupea harengus
0302 50 10	Merluzz tal-ispeċi Gadus morhua
0302 61 10	Sardin tal-ispeċi Sardina pilchardus
ex 0302 61 80	Laċċa kaħla (sprattus sprattus)
0302 62 00	Bakkaljaw miż-żgħir (Melanogrammus aeglefinus)
0302 63 00	Pollakju (saithe) (Pollachius virens)
ex 0302 64	Kavalli tal-ispeċijiet Scomber scombrus u Scomber japonicus
0302 65 20	Mazzola (Squalus acanthias u Scyliorhinus spp)
kif ukoll	
0302 65 50	
0302 69 31	Ħut aħmar (Sebastes spp.)
kif ukoll	
0302 69 33	
0302 69 41	Merlangu (Merlangius merlangus)
0302 69 45	Lipp (Molva spp.)
0302 69 55	Inċova (Engraulis spp.)
ex 0302 69 68	Marlozz tal-ispeċi Merluccius merluccius
0302 69 81	Xkatlu komuni (Lophius spp.)
ex 0302 69 99	Lampuka (Coryphaena hippurus)
ex 0307 41 10	Siċċ (Sepia officinalis u Rossia macrosoma)
ex 0306 23 10	Gambli tal-ispeċi Crangon crangon u gambli tal-fond
ex 0306 23 31	(Pandalus borealis)
ex 0306 23 39	
0302 23 00	Lingwata (Solea spp.)
0306 24 30	Granċijiet li jittieklu (Cancer pagurus)
0306 29 30	Ksambu (Nephrops norvegicus)

▼B

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti
0303 31 10	Ħalibatt miż-żgħir jew tal-Groenlandja (<i>Reinhardtius hipoglossoides</i>)
0303 78 11	Marlozz tal-ġeneru Merluccius
0303 78 12	
0303 78 13	
0303 78 19	
kif ukoll	
0304 29 55	
0304 29 56	
0304 29 58	
0303 79 71	Denċi (<i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus</i> spp.)
0303 61 00	Pixxispad (<i>Xiphias Gladius</i>)
0304 21 00	
0304 91 00	
0306 13 40	Gambli tal-familja <i>Penaeidae</i>
0306 13 50	
ex 0306 13 80	
0307 49 18	Siċċ tal-ispeċijiet <i>Sepia officinalis</i> , <i>Rossia macrosoma</i> u <i>Sepiola rondeletti</i>
0307 49 01	
0307 49 31	Klamari (<i>Loligo</i> spp.)
0307 49 33	
0307 49 35	
kif ukoll	
0307 49 38	
0307 49 51	Klamari (<i>Ommastrephes sagittatus</i>)
0307 59 10	Qarnit (<i>Octopus</i> spp.)
0307 99 11	<i>Illex</i> spp.
0303 41 10	Alonga jew tonn tal-ġwienaħ twal (<i>Thunnus alalunga</i>)
0302 32 10	Tonna safra(<i>Thunnus albacares</i>)
0303 42 12	
0303 42 18	
0303 42 42	
0303 42 48	
0302 33 10	Palamit jew plamtu bl-istrixxi fuq iż-żaqq (<i>Katsuwonus pelamis</i>)
0303 43 10	
0303 45 10	Tonn (<i>Thunnus thynnus</i>)
0302 39 10	Speċijiet oħra tal-ġeneri <i>Thunnus</i> u <i>Euthynnus</i>
0302 69 21	
0303 49 30	
0303 79 20	

▼B

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti
ex 0302 29 90	Il-lingwata lemon sole (<i>Microstomus kitt</i>)
0302 35 10	Tonn tax-xewka kaħla (<i>Thunnus thynnus</i>)
kif ukoll	
0302 35 90	
ex 0302 69 51	Pollakkju (<i>Pollachius pollachius</i>)
0302 69 75	Pixxiluna (<i>Brama spp.</i>)
ex 0302 69 82	Stokkafixx (<i>Micromesistius poutassou</i>)
ex 0302 69 99	Pout (<i>Trisopterus luscus</i>) u mankana (<i>Trisopterus minutus</i>)
ex 0302 69 99	Vopi (<i>Boops boops</i>)
ex 0302 69 99	Arżnell (<i>Spicara smaris</i>)
ex 0302 69 99	Gringu (<i>Conger conger</i>)
ex 0302 69 99	Gallina (<i>Trigla spp.</i>)
ex 0302 69 91	Sawrell (<i>Trachurus spp.</i>)
ex 0302 69 99	
ex 0302 69 99	Mulett (<i>Mugil spp.</i>)
ex 0302 69 99	Rebekkin skur (<i>Raja spp.</i>)
kif ukoll	
ex 0304 19 99	
ex 0302 69 99	Xabla (<i>Lepidopus caudatus</i> u <i>Aphanopus carbo</i>)
ex 0307 21 00	Moxt il-baħar komuni (<i>Pecten maximus</i>)
ex 0307 91 00	Bronja komuni (<i>Buccinum undatum</i>)
ex 0302 69 99	Trilja tal-faxxi jew bla faxxi (<i>Mullus surmuletus</i> , <i>Mullus barbatus</i>)
ex 0302 69 99	Tannuta (<i>Spondyliosoma cantharus</i>)



ANNEX III

INFORMAZZJONI DWAR IT-TAGHMIR TAS-SAJD

Informazzjoni obligatorja dwar il-kategorija ta' tagħmir tas-sajd	Informazzjoni aktar dettaljata u kodiċijiet korrispondenti, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 ⁽¹⁾ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ⁽²⁾	
Tartaruni	Tartaruni tal-ixtut	SB
	Tartaruni Daniżi	SDN
	Tartaruni Skoċċiżi	SSC
	Tartaruni bil-par	SPR
Xbieki tat-tkarkir	Xbieki tat-tkarkir bit-travu (Beam trawls)	TBB
	Xbieki tal-qiegħ tas-sufrun	OTB
	Xbieki tal-qiegħ bil-par	PTB
	Xbieki tas-sufrun għal nofs l-ilma	OTM
	Xbieki tal-qiegħ pelaġiku	PTM
	Xbieki tas-sufrun tewmi	OTT
Xbieki tal-garġi u xbieki simili	Xbieki tal-garġi fissi (ankrati)	GNS
	Xbieki tal-mitlaq	GND
	Xbieki tal-mitlaq li jdawru	GNC
	Pariti	GTR
	Partiti u xbieki tal-mitlaq ikkombinati	GTN
Xbieki tat-tidwir u xbieki tal-irfiġh	Tartarun idur	PS
	Xbieki tal-lampara	LA
	Xbieki tal-irfiġh operati minn dgħajjes	LNB
	Xbieki tal-irfiġh stazzjonarji operati mix-xatt	LNS
Snanar u lenzi	Xolfa tal-idejn u xolfa tal-qasba (operata bl-idejn)	LHP
	Xolfa tal-idejn u xolfa tal-qasba (mekkanizzati)	LHM
	Lenzi twal fissi	LLS
	Lenzi twal (mitluqa mal-kurrent)	LLD
	Lenzi għas-sajd bir-rixa	LTL
Dragi	Dragi bid-dgħajsa	DRB
	Dragi tal-idejn li jintużaw fuq bastiment	DRH
	Dragi mekkanizzati inklużi dragi bl-aspirazzjoni	HMD
Kontenituri (pots) u nases	Kontenituri (nases)	FPO

⁽¹⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25).

⁽²⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).



ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikoli 1 sa 5
Artikoli 2 u 3	Artikoli 33, 34
Artikolu 4	Artikoli 35 sa 39
Artikolu 5(1)	Artikoli 6, 7, 8
Artikoli 5(2), 5(3), 5(4) u Artikolu 6	Artikoli 14, 18 sa 21
Artikolu 7	Artikoli 22 u 24 sa 27
Artikolu 8	—
Artikoli 9 sa 12	Artikoli 28, 29
Artikolu 13	Artikoli 11, 12, 13, 16, 18, 20 u 21
Artikolu 14	Artikolu 41(2)
Artikolu 15	Artikolu 23
Artikolu 16	Artikoli 24 sa 27
Artikoli 17 sa 27	Artikoli 30, 31 u 32
Artikolu 33	—
Artikolu 34	Artikoli 20(2), 21 u 32
Artikolu 35	—
Artikolu 36	—
Artikolu 37	Artikolu 43
Artikoli 38 u 39	Artikolu 43
Artikolu 40	—
Artikolu 41	Artikolu 48
Artikolu 42	Artikoli 44, 45 u 46
Artikolu 43	Artikolu 49
—	Artikolu 40
—	Artikolu 41(1)
—	Artikolu 42